MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 45/2007

Maltacom plc [C 22334] u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2008 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc

vs

Emanuel Micallef

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u disa' u sittin centesimi [Lm635.69] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21551052 [A/C no. 10212097) li kien installat fil-fond bl-isem "Farmhouse", Triq L-Imgarr, Rabat, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-12 ta’ Settembru 2007, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru 2007, sama’ lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa’ ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tas-27 ta’ Novembru 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa’ ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf erbgha mija u tmenin Euros u sitta u sebghin centesimi [€ 1,480.76] ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u disa’ u sittin centesimi [Lm635.69], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21551052 [A/C no. 10212097], bl-imghax legali b’effett mis-16 ta’ Frar 2006, meta gie effettivament imnehhi s-servizz sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------